

31999R0547

L 66/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.3.1999

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 547/1999****tat-12 ta' Marzu 1999****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2802/95 dwar il-klassifika ta' ċertu oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' tariffa u statistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2261/98 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa ma' l-imsemmi Regolament, huwa meħtieġ li jkunu adottati miżuri dwar il-klassifika ta' merkanzija li hemm referenza għaliha fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ippreskriva r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija kollha kemm hi jew parzjalment bażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunita', bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' tariffa u miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu ma' kummerċ f'merkanzija;

Billi l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2802/95 ta' l-4 ta' Diċembru 1995 dwar il-klassifika ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda <sup>(3)</sup> kklassifika l-prodott Nru 1 bħala xarba mingħajr ma qies il-proprjetajiet speċifiċi tera-

pewtiċi u profilattiċi tagħha fil-kura ta' anemija kkawżata mid-defiċjenzi ta' ħadid; billi huwa meħtieġ li tkun emendata l-klassifika ta' dan il-prodott li għandu jkun kunsidrat bħala duwa;

Billi l-miżuri li jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwal il-Kodiċi Doganali,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Il-klassifika tal-prodott Nru 1 fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2802/95 għandu jkun sostitwit b'dak fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

fit-12 ta' Marzu 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Mario MONTI

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 292, tat-30.10.1998, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 291, tas-6.12.1995, p. 5.

## L-ANNESS

Deskrizzjoni tal-merkanzija	Kodiċi ta' klassifika NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Ġulepp ambra, mqiegħed fi fliexken ta' 125 ml, maħsub (intenzjonat) biex tikkura ċerti tipi ta' anemija minħabba nuqqas (definċjenza) ta' ħadid.</p> <p>Il-prodott għandu l-kompożizzjoni li ġejja (per 100 g):</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— <i>feredetate</i> tas-sodju: 4,13 g <sup>(1)</sup></li> <li>— sorbitol: 24 g</li> <li>— glicerina: 13 g</li> <li>— aċidu ċitriku: 0,1 g</li> <li>— alkoħol etiliku 95: 0,09 g</li> <li>— aġent tat-togħma: 0,01 g</li> <li>— propyl parahydroxybenzoate: 0,01 g</li> <li>— metil parahydroxybenzoate: 0,8 g</li> <li>— ilma: kwant. suff.</li> </ul>	3004 90 19	<p>Il-klassifika hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u r-rabta tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 3004, 3004 90 u 3004 90 19.</p> <p>Dan il-prodott għandu jitqies bħala duwa minħabba l-kompożizzjoni tiegħu u l-użu tiegħu għal finijiet terapewtiċi.</p>

<sup>(1)</sup> *Feredetate* tas-sodju huwa kompost ferriku (tal-ħadid) solubbli (li jinħall) ta' *crystallised sodium ethylenediamine tetra-acetate*.